MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 1299/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Sandro Attard (K.I. 404678M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ elf mija u tnax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmi (€1112.27) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizz u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok A); illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, izda dan baqa’ inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum; bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi meta gie esegwiet l-ftehim in mertu bejn il-kontendenti avvettat ruhha novazzjoni b'mod li kull obligazzjoni pre-esistenti giet estinta u r-relazzjonijiet kontrattwali bejniethom kienu regolati bl-imsemmi ftehim u konsegwentement il-kawza intavolata aktar qabel intiza biex tigi esegwita obbligazzjoni pre-esistenti u presentement estinta ma tistax titkompla u konsegwentement dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-procedura; illi minghajr pregdudizzju ghall-premess f'kaz li l-ewwel eccezzjoni mhiex guridikament sostenibbli l-azzjoni attrici hija falsament intempestiva stante li l-azzjoni odjerna tkompliet nonostante li l-konvenut kien u ghadu in ottemporanza mat-termini ta' ftehim interkors u ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' din il-procedura; salv eccezzjonijiet ohra.

Illi ma tressqux xhieda mill-partijiet.

Ra d-dokumenti prezenti mis-socjeta' attrici u l-atti kollha tal-kawza.

Ra il-verbal tas-seduta tas-26 ta Marzu fejn giet prezentata nota li biha l-ammont ta' elf mija u tnax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmi (€1112.27) gie ridott ghal mija u tnax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€112.27) stante pagamenti li saru mill-konvenut.

Ra l-verbal tal-15 ta' Jannar fejn it-talba giet diferita ghas-sentenza in difett ostakolo ghall-lum.

Ikkunsidera:

Illi it-talba hija ghas-servizzi rezi mis-socjeta' attrici a bazi ta ftehim, liema ftehim gie pprezentat mis-socjeta' attrici, Dok A, flimkien mal-avviz. Illi dan il-ftehim gie ikkontestat ghaliex kien sar novazzjoni permezz ta' ftehim iehor. Illi hareg mill-provi li kien minnu li sar ftehim iehor fit-8 ta Ottubru 2010 fejn il-konvenut inghata l-opportunita' jhallas pagamenti fix-xahar fuq medda ta' sena. Illi pero l-istess ftehim jindika bic-car illi kien hemm *time frames* li kellhom jigu rispettati u cjoe li l-konvut kellu jhallas mitt ewro

(€100) kull xahar mid-data tal- 10 Novembru 2010 u l-ahhar pagament tas-sorte kellu jsir fil-15 ta' Ottubru 2011, filwaqt li l-ispejjez legali kellhom isiru fid-data tal- 15 Novembru 2011. Illi s-socjeta' attrici hadet passi ghall-ammont shih fil-5 ta' Novembru tas-sena 2011.

It-Tribunal jaqbel li sar novazzjoni u ghalhekk wiehed ghandu jirreferi ghall-obbligazzjonijiet f'hdan il-ftehim[1]. Illi l-istess ftehim jghid bic-car fl-artikolu 2.4 *Vodafone has a right to initiate legal proceedings at any time against the Debtor and/or payee in relation to the scope of this agreement.*

Illi hareg car li l-konvenut ma hallas ebda wahda mill-pagamenti ndikati u elenkati fid-dokument a folio 35 tal-process u ghalhekk is-socjeta attrici hadet passi quddiem dan it-Tribunal hekk kif kellha kull dritt skont il-ftehim. Illi hlasijiet bdew jigu effetwati biss meta giet intavolata il-kawza.

**Decide**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' mija u tnax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmu u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara Dok A, folio 35 tal-process.